# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Mohamad Khalaf Almohamad**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Mohamad Khalaf Almohamad**, li għandu Italian pass 3707 li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar l-4 ta' Frar 2015 u fil-ġranet ta' qabel f'diversi postijiet madwar Malta :

(a) inġurja jew hedded b'mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien provokat inġurja b'mod li joħroġ barra mill-limitu tal-provokazzjoni lil Aicha Cheikh Yassin u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali; kif ukoll li

(b) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) kif ukoll talli ta fastidju lil Aicha Cheikh Yassin u b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta fastidju għal Aicha Cheikh Yassin u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Semgħet ix-xiedha prodotti;

Il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## *Deċide :*

filwaqt li ssib lil **Mohamad Khalaf Almohamad** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu wara li rat l-Artikoli 339(1)(e) u 251A tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49(C) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) fil-waqt li fir-rigward tat-tielet imputazzjoni wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara d-debita spjegazzjoni skont l-istess Artikolu qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lil ħati bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Aicha Cheikh Yassin qegħda toħroġ ordni ta'

protezzjoni kontra l-ħati skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha u dan għal perjodu ta' sena snin millum b'dan li l-ħati huwa projbit milli **b'kull mod** jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Aicha Cheickh Yassin u l-familjari kollha tagħha.

***Mogħtija illum il-5 ta' Jannar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**5 ta' Jannar 2016**

**PULIZIJA**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Mohamad Khalaf Almohamad**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t`Ordni ta' Protezzjoni kontra **Mohamad Khalaf Almohamad** u ċioe` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Aicha Cheick Yassin (ID

58960A) u l-familjari tagħha għal perjodu ta' sena millum b'dan li l-ħati huwa projbit :

(a) milli javviċina jew b'xi mod ieħor isegwi l-movimenti ta' Aicha Cheick Yassin (ID 58960A) u l-familjari tagħha;

(b) milli jkollu aċċess għal perjodu ta' sena ġewwa l-fond fejn tirrisjedi, taħdem jew tiffrekwenta Aicha Cheick Yassin (ID 58960A) u l-familjari tagħha ukoll jekk l-imputat għandu interess legali f'dak il-fond;

(c) milli jikkuntatja jew jimmolestja lil Aicha Cheick Yassin (ID 58960A) u l-familjari tagħha.

Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk tinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

______________________________

**(firma tal-persuna suġġetta għall-Ordni ta' Protezzjoni)**

*Doris Serpina*

**Deputat Reġistratur**

***Aaron M. Bugeja***

**Maġistrat**